**4 ta' Mejju, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo. O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Carmelo Vassallo

*versus*

Giuseppe Sammut

**Senserija — Depożitu — Sentenza — Nullità — Appell.**

*Jekk min ikun ħa parti f'operazzjoni ta' bejgħ ta' oġġett isib ruħu f'dilemma minħabba illi s-senserija minnu dovuta jippretenduha aktar minn persuna waħda bħala sensala, u hu ma jirnexxilux jipperswadihom biex jifthemu bejniethom dwar is-senserija, hu ma jistgħax jarbitra bejniethom; u jagħmel sewwa li jiddepożita l-ammont minnu dovut bħala senserija biex jingħata lil min imiss skond il-liġi.*

*Jekk mbagħad wieħed minn dawk li jippretendu s-senserija jħarrek lil dak il-kontrajent għall-ħlas tas-senserija, jixraq li jkun parti fil-kawża anki dak l-ieħor li jippretendi s-senserija huwa wkoll, biex il-kwistjoni tiġi diskussa u deċiża fil-konfront tal-interessati kollha.*

*Jekk, b'dan kollu, il-Qorti tilqa' t-talba ta' dak li aġixxa għas-senserija u tikkundanna lil dak il-kuntrajent għal dak il-ħlas, u dan jappella minn dik is-sentenza, l-uniku rimedju hu li tiġi annullata dik is-sentenza u l-kawża tiġi rinvijata lill-Ewwel Qorti biex l-istess tiġi trattata u diskussa fil-konfront anki tal-pretendent l-ieħor tas-senserija.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, premess illi l-konvenut biegħ ix-char-a-banc liċenza no. 2889 li taħdem fuq il-linja tal-Mellieħa bil-prezz ta' £4600 lil ċertu Michele Gauci; u premess illi l-konvenut, għalkemm interpellat bl-ittra tal-10 ta' Jannar 1961, ma ħallasx sehmu (ċjoè n-nofs) mis-senseri-

ja dovuta lill-attur, li jammonta għal £23; talab li l-konvenut, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £23 dovuta minnu għal nofs is-senserija tal-bejgħ tax-char-a-banc liċenza no. 2889, li sar mill-konvenut lil ċertu Michele Gauci bil-medjazzjoni tal-attur. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra tal-10 ta' Jannar 1961, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Diċembru 1961, li biha, wara li asteniet milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-inkompetenza, li ġiet ritirata, laqgħet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

L-eċċezzjoni tal-inkompetenza ġiet ritirata (fol. 8);

F'Awissu 1960 il-konvenut biegħ lil Michele Gauci char-a-banc no. 2889 bil-prezz ta' £4600, u s-senserija titħallas bin-nofs;

Irriżulta illi Michele Gauci kien esprima mal-attur ix-xewqa li jixtri char-a-banc; u xi tliet ijiem wara l-attur qallu li sablu waħda, peress li, waqt li kien jitħaddet mal-konvenut, dan qallu li x-char-a-banc li kellu kien lest biex ibigħha lil Gauci. L-attur qal lil Gauci, u dan qallu li, jekk isib ieħor li jixtriha miegħu, huma jixtruha. L-attur sab lil wieħed Grima u dawn xtrawha bil-prezz ta' £4600. Fil-preżenza tal-attur, Mikiel Gauci kien offra £4200 lill-konvenut; il-konvenut ried £4600; u wara li l-attur kellmu huwa qallu li ma ried xejn anqas minn daqshekk. L-attur qal lill-konvenut li Grima offra £4400; però dak baqa' jinsisti għal £4600. In segwitu Mikiel Gauci qal lill-attur biex imur miegħu biex iġib ix-char-a-banc, u l-attur qallu li ma setgħax, u qallu jmur hu jsib lill-konvenut;

L-attur xehed illi (fol. 9 tergo) xi nofs sigħa wara li sar in-negozju hu kellem lill-konvenut u staqsieh Gauci kienx mar u kienx kollox sewwa, u l-konvenut wieġbu "Is-senserija għalik";

Mikiel Gauci xehed (fol. 10) illi fit-8 a.m., dak inhar

li xtara x-char-a-banc, l-attur kien qallu biex jieħdu b'£4600. Hu pprova jonfoq anqas; fil-11 a.m., però, huwa ddeċieda li jixtrieh b'£4600. Huwa qal lill-attur biex imorru għax-char-a-banc, u dan qallu li ma setgħax imur miegħu, u jekk irid imur ma' ħadd ieħor. Gauci mar jieħu kafè għand Carmelo Sammut, kuġin il-konvenut. Sammut staqsieh ix-char-a-banc akkwistaħx, u t-tnejn spiċċaw biex marru għand il-konvenut flimkien. Sammut staqsa lill-konvenut riedx iħallieh ix-char-a-banc b'anqas, però dan ma riedx, u Gauci spiċċa biex xtraħ b'£4600;

Xehed l-istess Gauci illi huwa qal lill-attur illi kien sejjer imur jagħti lill-konvenut £4600, u illi, għalkemm ħa miegħu lill-kuġin martu, Carmelo Sammut, "fl-aħħar mill-aħħar kont lest biex nieħdu bil-prezz li talabni" (fol. 23 tergo);

L-attur xehed (fol. 10) illi huwa kien qal lil Gauci:— "X'niġi nagħmel, jekk sejjer tieħdu b'dak il-prezz?". Wara, il-konvenut ried jagħti lill-attur £12, u dan ma aċċettax;

Nazzareno Gauci, li kien ser jixtri x-char-a-banc huwa, xehed (fol. 10) li sama' lill-konvenut jgħid lill-attur "Is-senserija għalik". Konfrontat ma' dan ix-xhud, il-konvenut qal li qal lill-attur: "Talli ħdimt ma nħallikx tbati". Ix-xhud insista li l-konvenut qallu "Is-senserija għalik", u l-konvenut spiċċa biex xehed illi ma jiftakarx li qal lill-attur "Is-senserija għalik";

Carmelo Vella xehed (fol. 20) illi, wara li nbiegħ ix-char-a-banc, il-konvenut qal, fil-preżenza tax-xhud u tal-attur, "it-truck begħtu, il-ħotba ma ntellifielekx";

B'ċedola (dok. fol. 6) taż-17 Jannar 1961 il-konvenut iddepożita taħt l-awtorità ta' dil-Qorti s-somma ta' £21. 6. 6d, wara li tnaqqsu £1. 13. 6d għall-ispejjeż relattivi, bħala nofs is-senserija minnu dovuta, biex tiġi liberament żbankata minn min minnhom fost l-attur u Carmelo Sammut, jew min minnhom fil-proporzjoni li tiġi eventwalment deċiża jew mifthema bejniethom;

Il-provi juru illi l-attur kien is-sensal fil-bejgħ tax-

char-a-banc fuq imsemmi, billi laqqa' l-konvenut mal-kumpratur u wassal lix-xerrej biex jaċċetta l-prezz mitlub mill-konvenut. Ix-xerrej Mikiel Gauci spera sal-aħħar li jiffranka xi ħaġa mill-prezz, u ħa miegħu lil Carmelo Sammut; huwa però kien diġà deċiż, kif hu stess xehed, illi x-char-a-banc jixtrieh b'£4600, daqs kemm talab mill-ewwel il-konvenut. Barra minn dan, kif xehdu Nazzareno Gauci u Carmelo Vella, il-konvenut, wara li n-negozju kien konkjus, qal lill-attur illi s-senserija kienet għalieh. Hekk it-talba tal-attur hi ġustifikata. Jekk hija dovuta xi ħaġa minn Gauci lil Carmelo Sammut talli hu ħadu miegħu, kif intqal, għand il-konvenut, dan ma hux meritu ta' dil-kawża;

In kwantu għad-depożitu riferit, dan ma hu ta' ebda utilità għal dil-kawża, għax il-konvenut ġie mlaqqa' ma' Gauci biex jixtri x-char-a-banc mill-attur, u kien lill-attur li qal illi ma ried xejn anqas mis-somma ta' £4600, kif ix-char-a-banc fil-fatt ġie akkwistat minn Mikiel Gauci; u, l-aktar importanti, il-konvenut stess wara n-negozju aċċetta illi s-senserija minnu dovuta kienet tispetta lill-attur;

Rat in-nota li biha l-konvenut appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-aggravju tal-appellant huwa illi fid-dilemma li fih sab ruħu minħabba l-pretensjonijiet għas-senserija anki da parti ta' Carmelo Sammut, hu ma setgħax jarbitra bejnu u bejn l-attur, u meta ma rnexxielux jipperswadihom jifthemu bejniethom, hu ma setgħax jagħmel ħaġ'oħra ħlief jiddepożita l-ammont taħt l-awtorità tal-Qorti biex jittieħed minn min minnhom kellu dritt skond il-liġi;

Din il-Qorti tissimpatizza ma' din is-sottomissjoni fis-sens li ser jingħad;

Il-fatti, sa fejn jidher li kien jafhom l-appellant qabel id-depożitu fuq imsemmi, kienu illi fil-ftehim dwar il-bejgħ intervenew bħala medjatur tant l-appellat Carmelo Vassallo, li laqqa' lill-partijiet, kemm Carmelo Sammut, li finalment wassalhom għall-ftehim fuq il-prezz;

Jiġi sottolineat illi l-Qorti mhijiex tgħid illi fil-verità il-fatti kienu hekk. Difatti, fuq il-meritu l-Qorti m'hi sejra tesprimi ebda opinjoni. Dak li qiegħed jingħad huwa biss illi, minħabba l-fatti kif kien donnu jidher li ġraw, speċjalment illi fl-aħħar mument, meta l-ftehim ġie konkjuż, max-xerrej deher Carmelo Sammut, l-appellant seta' ħaseb, u fil-fatt jidher li ħaseb, illi dan Sammut kien ukoll indaħal bħala sensal. Id-diffikultà tiegħu kibret għaliex Sammut anzi ppretenda illi l-ħlas tas-senserija kien imiss kollu lilu. Infatti, l-appellant xehed (fol. 20) illi, għalkemm hu kien offra xi £12 lil dan Sammut, dan qallu li l-ħotba tmiss lilu kollha, għax ippretenda (fol. 24) illi n-negozju kien għamlu hu;

Sa quddiem l-Ewwel Qorti stess Sammut baqa' jinsisti li dak li jmissu jridu u jieħdu. Non ostante li l-appellat xehed illi Sammut kien qallu illi ma jrid xejn, u li ma jtellgħux il-Qorti għax hu ma għandux x'jaqsam, Sammut, konfrontat miegħu, baqa' jinsisti illi minn dan kollu hu ma kien qal xejn (fol. 10 tergo u 11);

Di fronti għal dawn il-pretensjonijiet da parti tant tal-appellat kemm ta' Carmelo Sammut, li kull wieħed minnhom kien qiegħed jippretendi minn għandu l-intier tas-senserija, l-appellant, permezz tal-avukat tiegħu, ipprova jara jistgħax jipperswadi lill-appellat biex b'xi mod jirranġa ma' Carmelo Sammut; u meta l-appellat qal li ma jridx, għax jippretendi s-somma kollha, Dottor Mercieca spjegalu illi allura hu ma jistgħax jagħmel ħaġ'oħra ħlief li jiddepożita l-flus u mbagħad jaraw il-kwistjoni bejniethom. Infatti dak inhar stess tal-laqgħa, l-appellant għamel id-depożitu skond iċ-ċedola fol. 6, biex il-flus jiġu "liberament żbankati mill-intimandi jew min minnhom fil-proporzjon li tiġi eventwalment deċiża jew mifthema bejniethom";

F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-Qorti hi ta fehma illi għar

retta amministrazzjoni tal-ġustizzja kien neċessarju illi l-kwistjoni ġudizzjarja tiġi diskussa u deċiża anki fil-konfront tal-imsemmi Carmelo Sammut. Peress illi hu ma kienx parti, imma sempliċement xhud, is-sentenza appellata hi għalieh "res inter alios", b'mod illi l-appellant ma jistgħax, anki wara li jkun ħallas l-intier lill-appellat, jitqies meħlus mill-pretensjonijiet tal-istess Sammut. In teżi astratta ma jistgħax jiġi eskluż konflitt ta' ġudikati, jew, "ad ogni modo", dupliċità ta' proċeduri kontra l-appellanti. Billi, mhux biss qabel ma bdiet il-kawża Sammut kien qed javanza pretensjoni għal parti jew anzi l-intier tal-ħlas, u dan a konoxxenza tal-istess appellat, iżda saħansitra anki waqt il-kawża stess u quddiem il-Qorti, hu baqa' jsostni dawk il-pretensjonijiet tiegħu, kien il-każ, biex il-kwistjoni tiġi eżaminata u deċiża finalment bejn l-interessati kollha, li Sammut ikun parti, u dan anki għall-allokament xieraq tal-ispejjeż. Skond ix-xhieda ta' Dottor Mercieca, għalkemm ma saretx da parti tiegħu domanda formali għall-kjamata fil-kawża ta' Carmelo Sammut, innecessità tagħha ġiet sollevata;

Din mhux ħaġa li tista' tiġi rimedjata fl-appell, u l-uniku rimedju hu li tiġi annullata s-sentenza u l-kawża tiġi rinvijata għal dak l-iskop quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell biss fis-sens li tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-kawża quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti biex tiġi trattata u deċiża anki fil-konfront ta' Carmelo Sammut. L-ispejjeż tal-prima istanza jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali; dawk tal-appell jibqgħu bla taxxa, ħlief id-dritt tar-Reġistru, li jħallsu l-appellat.